# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali 79

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 79

L-Erbgħa 8 ta' Frar 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andre Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

79.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Paul Radmilli, u tas-Sur Maximillian Zammit u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

79.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 78 li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Jannar 2017 kienu meħuda bħala moqrija.

79.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andrè Grech, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar.

## 79.3 Komunikazzjoni mill-President

79.3.1 Is-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri preżenti li għalkemm f'din il-laqgħa kienu mistiedna s-Sur Raymond Zammit flimkien mas-Sinjura Elizabeth Vassallo mill-Aġenzija LESA, dawn infurmaw li minħabba laqgħa ministerjali oħra fl-istess ħin ta' din il-laqgħa, huma ma setgħux jattendu u għalhekk għandha tissejjaħ laqgħa fuq dan is-suġġett biss.

79.3.2 Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ser tikkoordina sabiex tiġi stabbilita data u ħin.

79.3.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qassam dokument lil kull membru preżenti għal din il-laqgħa dwar il-kontravenzjonijiet li r-Reġjun jonqsu jiġbor u spjega kif it-total jammonta għal madwar €2.1 miljun.

79.3.4 Is-Sur Fenech Adami ippropona li kull membru tar-Reġjun għandu jressaq din l-informazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jkun imiss sabiex tinkiseb approvazzjoni. Kif il-Kunsill Lokali jkollu din l-approvazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun għandha tkun infurmata bid-deċiżjoni sabiex l-Avukat, Dott. Richard Sladden, ikun jistà jipproċedi bl-ittri legali fuq dawn il-kontravenzjonijiet pendenti.

79.3.5 Is-Sur Fenech Adami spjega wkoll li dawk il-kontravenzjonijiet dwar l-edukazzjoni u dwar tlajjar fit-toroq mhux ser jiġu nklużi peress li kien diġà sar eżerċizzju dwar dan u ma kienx ipprovda riżultat pożittiv.

79.3.6 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, staqsa dwar x'jiġri f'każ li ma titħallas l-ebda kontravenzjoni u jekk l-ispejjeż ta' l-avukat xorta rridux jinħarġu xorta waħda.

79.3.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif id-darbtejn li sar dan l-eżerċizzju fis-sena li għaddiet, ir-riżultat dejjem kien wieħed pożittiv. Naturalment l-avukat ikun irid jitħallas xorta waħda ġaladarba l-ittri legali jkunu ntbagħtu.

79.3.8 Is-Sindku ta' l-Imsida xtaqet tkun taf ir-raġuni ta' kull kontravenzjoni li hemm fil-lista li jaqgħu taħt l-Imsida.

79.3.9 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li huwa kien ser jgħaddi l-Informazzjoni kollha lis-Segretarju Eżekuttiv, lis-Sinjura Galea, sabiex din tintbagħat direttament lil kull membru u mhux lill-Kunsilli Lokali minħabba protezzjoni ta' l-informazzjoni.

79.3.10 Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-membri kollha preżenti.

## 79.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

79.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-membri preżenti.

79.4.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri biex jiġi maqbuż l-*item* numru ħamsa minn fuq l-aġenda peress li l-accountant, is-Sur Daniel Galea, kien għadu mhux preżenti sabiex jippreżenta r-rapporti finanzjarji.

## 79.5 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun Ċentru li jkunu meħtieġa

- ***Aħbar ta' mewt***

79.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li aktar kmieni filgħodu dan ir-Reġjun kien ġie nfurmat bl-aħbar tal-mewt tas-Sur Pio Farrugia, l-Assistent Direttur fid-DLG. Għal din ir-raġuni ken hemm qbil fost il-membri sabiex jintbagħat bukket tal-fjuri f'isem dan ir-Reġjun.

- ***Kuntratti tad-Dwal Tat-Toroq***

79.5.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif fl-aħħar laqgħa kien hemm talba fost il-membri sabiex is-Segtrearju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, tara jekk kull Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun jixtieqx joħroġ sejħa fuq id-dwal tat-toroq bħala Reġjun jew inkella jekk il-Kunsill Lokali jipreferix joħroġ it-talba waħdu.

79.5.3 Is-Sur Fenech Adami kompli jispjega li mill-informazzjoni miġbura disa Kunsilli Lokali jixtiequ joħorġu s-sejħa waħedhom bħala Kunsill u xi wħud lesti li jissieħbu mal-lokalitajiet ġirien tagħhom.

79.5.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal kif għal din ir-raġuni jidher li hemm qbil li dan ir-Reġjun mhux ser joħroġ is-sejħa f'isem il-Kunsilli Lokali.

79.5.5 Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-membri kollha preżenti.

- ***ESC Plan - Aġġornament***

79.5.6 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, aġġorna lill-membri fuq ir-riċerka li fil-preżent tinsab għaddejja flimkien mal-kumpanija PKF Malta. Bħala parti mir-riċerka, saru diversi focus group sessions mas-Sindki, kappillani, għaqdiet sportivi, mal-prinċipali ta' l-iskejjel, NGOs, u ma' l-għaqdiet tal-baned li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

79.5.7 Huwa kompla jgħid li din l-informazzjoni ser tiġi preżentata lir-Reġjun fit-3 ta' Marzu 2017 u għal din ir-raġuni, is-Soċjologa, is-Sinjura Valerie Visanich, flimkien ma' rappreżentant mill-PFK Malta, is-Sinjura Danielle Hermansen, ser ikunu preżenti fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss sabiex jgħatu spjegazzjoni qasira dwar din ir-riċerka.

- ***Tender mal-Guard and Warden Service House Ltd.***

79.5.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun li fis-16 ta' Jannar 2017 kienu ġew mistiedna sabiex jiltaqgħu mas-Sinjura Elizabeth Vassallo u jiġi ffirmat dokument bħala estenzjoni tal-kuntratt li kien għadu kif skada. (Koppja ta' dan il-kuntratt ġie imqassam lil kull membru preżenti)

79.5.9 Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lis-Sinjura Vassallo, li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil fost il-membri sabiex il-kuntratt provdut kellu jingħata lill-avukat, Dott. Richard Saldden biex jiġi vverifikat, umbad jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jkun imiss. Għal din ir-raġuni, is-Sinjura Galea talbet sabiex il-laqgħa mas-Sinjura Vassallo ssir wara li tkun saret il-laqgħa tar-Reġjun.

79.5.10 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, żied jgħid li għalkemm id-dokument ġie mgħoddi mmedjatament lil Dott. Sladden, l-Avukata Dott. Mariella Silvio talbet sabiex issir laqgħa nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017. Għaqldaqstant, il-membri ser jiġu aġġornati dwar xi jkun intqal f'din il-laqgħa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Kwotazzjoni*

79.5.11 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq kwotazzjoni mingħand Bonds b'total ta' €70.00 sabiex l-ispazju li jinsab fin-nofs tal-mejda ġewwa l-*board room* tingħalaq u tkun aktar konvenjenti.

79.5.12 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex is-Segretarju Eżekuttiv iġġib stima sabiex tingħalaq bi ħġiega u tipproċedi bl-ordni.

- *Photocopier*

79.5.13 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li waħda mill-photocopier mikrija mill-kumpanija Advanced Telecopmmunications Systems Ltd. kienet skadiet f'Novembru 2016 kellu bżonn isir kuntratt ġdid.

79.5.14 Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv ressqed tliet kwotazzjonijiet u ntagħżlet l-irħass offerta li kienet mingħand il-kumpanija Avantech Ltd.

- *Laqgħa Annwali Ġenerali 2017*

79.5.15 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti sabiex terġa tittella l-laqgħa annwali ġenerali għal dis-sena fuq skala iżgħar minn dik tas-sena li għaddiet.

79.5.16 Il-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, issuġġerixxa li jikri s-sala fiċ-Ċentru Parrokjali ta' Ħ'Attard u jikkoordina għal bibita żgħira wara li tkun tlestiet il-laqgħa.

79.5.17 Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-membri kollha preżenti.

- *Facebook Page tar-Reġjun*

79.5.18 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv ikkrejat paġna tal-Facebook fuq dan ir-Reġjun. Għal din ir-raġuni huwa stieden lill-membri sabiex jidħlu f'din il-paġna u jekk ikun hemm xi avviż mill-Kunsill Lokali, dan ikun jista' jiġi mtella f'din il-paġna wkoll.

- *V18 Foundation*

79.5.19 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar stedina mingħand ir-Regional Coordinator tar-Reġjun Ċentru, is-Sinjura Joan Mangion, sabiex jattendu għal seminar li ser isir fit-23 ta' Frar 2017, il-Belt Valletta. (Kopja ta' dan l-invit ġie mqassam lil kull membri preżenti)

## 79.6 Rapporti

79.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden lill-accountant, is-Sur Daniel Galea, sabiex jidħol fil-kamra u jippreżenta r-rapporti finanzjarji tar-Reġjun.

79.6.2 Is-Sur Daniel Galea ta spjegazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun permezz tal-*Financial Statements*.

79.6.3 Kien hemm qbil unanimu fuq dan ir-rapport bl-approvazzjoni tal-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech.

79.6.4 Is-Sur Galea ressaq fuq il-mejda l-Budget għas-sena 2017. Huwa spjega li għalkemm dan qatt ma kien sar mir-Reġjun fis-snin li għaddewu peress li dan ir-Reġjun ilu ma jkollu dħul finanzjarju minn Ottubru

ta’ l-2015, id-Dipartiment għal Gvern Lokali xorta waħda talab lil dan ir-Reġjun biex dan id-dokument jiġi ppreparat u ppreżentat.

79.6.5 Wara li s-Sur Galea għamel spjegazzjoni tad-dokument, dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku ta’-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè, u sekondat mis-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

79.6.6 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Galea ta’ l-ispjegazzjoni u ġie skużat mill-kamra.

79.6.7 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, ippropona li skond ir-rapporti preżentati dan ir-Reġjun għandu jqassam €600,000 bejn il-Kunsilli Lokali ta’ dan ir-Reġjun.

79.6.8 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, il-President ippropona li jiġi mqassam l-ammont ta’ €250,000 bejn il-Kunsilli Lokali peress li dan ir-Reġjun għad m’għandu l-ebda dħul finanzjarju ieħor.

79.6.9 Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-membri kollha preżenti u għal din ir-raġuni dawn il-pagamenti ser ikunu nklużi fl-iskeda tal-pagamenti li tiġi ppreżentata fil-laqgħa tar-Reġjun ta’ Marzu 2017.

79.6.10 ***6:50pm Il-Viċi Sindku ta’ Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, skuża ruħu mill-laqgħa.***

## 79.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

79.7.1 Is-Sindku ta’ San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 78A u 78B.

79.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 79.7 Mozzjonijiet

79.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 79.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

79.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta’ Marzu 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta’ Marzu, 2017.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv